**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**
**[Spettur Wayne Camilleri]**
**vs**
**Daren Charles Aquilina**
**Josef Julian Al Madani**

**Illum, 21 ta’ Novembru, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

> “**Daren Charles Aquilina**, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 282877(M).
>
> **Josef Julian Al Madani**, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 248400(L).
>
> U nakkuzawhom talli nhar l-20 ta’ Novembru, 2019, ghall-habta tas-1:00 ta’ filghodu, u kif ukoll fil-gimghat ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-

istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulha b'rizoluzzjoni wahda, gewwa Ta' Qali, limiti ta' H'Attard: -

1. flimkien ma' persuna ohra, minn gewwa 'container' li kien fuq 'trailer' bin-numru ta' registrazzjoni TR337, ikkommettew serq ta' numru ta' kaxxi tal-prodott 'Dominos Mozzarella' ghad-dannu tas-sidien tal-kumpanija 'Fahrenheit' u/jew ta' kumpanija jew kumpaniji ohra u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37); bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Il-Qorti hija mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Daren Charles Aquilina bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati;

Tat zmien ragonevoli lill-imputati sabiex jirrikonsidraw l-ammissjoni tagħhom;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputati Daren Charles Aquilina u Josef Julian Al Madani reġgħu affermaw l-ammissjoni tagħhom anke wara li l-Qorti tathom żmien jirrikonsidraw il-posizzjoni tagħhom;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputati l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni tal-imputati fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-koperazzjoni taghhom mal-Pulizija, il-fedina penali tal-imputati, il-gravità tar-reati minnhom kommessi, kif ukoll ic-cirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikli 49, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262(b), 263, 264, 267, 269(c), 270, 271(g), 276, 277(a)(b), 278(3), 279(a), 280(2), 281(3) u 289 tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati Daren Charles Aquilina u Josef Julian Al Madani ħatja u tikkundanna lill-imputat Daren Charles Aquilina għall-perjodu ta' tnax-il xahar habs, li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tmintax-il xahar u tpoġġi lill-imputat Joseph Julian Al Madani taħt Ordni ta' Probation għal żmien tliet snin mil-lum, f'liema żmien l-imputat għandu jkun segwit u jingħata l-għajnuna meħtieġa anke dik professjonali li jirriżulta li għandu bżonn wara evalwazzjoni appożita.

Il-Qorti tikkundanna wkoll lill-imputati sabiex iħallsu lura lill-vittma s-somma fl-ammont ta' mija erba' u sebgħin Ewro (€174) kull wieħed fi żmien sitt xhur f'pagamenti mensili.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputati l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma jottemporawx ruhhom ma' l-obbligi taghhom skont din is-sentenza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur